

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Medjazzjoni](#) > [Medjazzjoni Tal-familja](#) > [Medjazzjoni Tal-familja](#)  
> Romania

## Medjazzjoni tal-familja

 Rumanija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

Il-Liġi Nru 192/2006 tirregola l-medjazzjoni u l-organizzazzjoni tal-professjoni tal-medjatur u tinkludi d-dispożizzjonijiet ġenerali, id-dispożizzjonijiet dwar il-professjoni tal-medjatur (ċertifikazzjoni bħala medjatur, sospensjoni jew tneħħija mis-servizz, il-Kunsill tal-Medjazzjoni, organizzazzjoni u prattika tal-professjoni ta' medjatur, id-drittijiet u l-obbligi tal-medjatur, ir-responsabbiltà tal-medjatur), il-proċedura ta' medjazzjoni (il-proċedura qabel il-konklużjoni tal-ftehim tal-medjazzjoni, il-ftehim tal-medjazzjoni, il-proċess tal-medjazzjoni, it-tmiem tal-proċedura ta' medjazzjoni), u dispożizzjonijiet speċjali dwar it-tilwim familjari u materji kriminali.

Il-partijiet jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħa ta' informazzjoni dwar il-vantaġġi tal-medjazzjoni, inkluż, meta applikabbli, wara li jkun nfeθu l-proċedimenti legali quddiem il-qorti kompetenti, bil-ħsieb li jiġi solvut tilwim bl-użu ta' dan il-metodu. Il-prova tal-parteċipazzjoni fil-laqgħa informattiva dwar il-vantaġġi tal-medjazzjoni hija ċ-ċertifikat informattiv maħruġ mill-medjatur li jkun ta l-informazzjoni. Il-proċedura għall-infurmar dwar il-vantaġġi tal-medjazzjoni tista' ssir mill-imħallef, il-prosekutur, il-konsulent legali, l-avukat jew in-nutar, u f'dawn il-każijiet tiġi ċertifikata bil-miktub.

Is-suġġett tal-medjazzjoni ma jstax jinkludi drittijiet strettament personali, bħal dawk li jirrigwardaw l-istatus tal-persuna, jew kwalunkwe dritt ieħor li l-partijiet ma jistgħux jeżerċitaw skont ftehim jew kwalunkwe att ieħor.

L-attività tal-medjazzjoni titmexxa bl-istess mod għal kulħadd, irrispettivament mir-razza, il-kultur, in-nazzjonalità, l-oriġini etnika, il-lingwa, ir-religjjon, is-sess, l-opinjoni, is-sħubija politika, il-ġid jew l-oriġini soċjali.

Il-medjazzjoni hija attività ta' interess pubbliku. Fl-eżerċizzju ta' dmirijietu, il-medjatur ma għandux is-setgħa li jieħu deċiżjoni dwar il-kontenut tal-ftehim li jrid jinstab mill-partijiet, imma jista' jiggwidahom fil-verifika tal-legalità tiegħu. Il-medjazzjoni tista' ssir bejn żewġ partijiet jew iktar. Il-partijiet għandhom id-dritt li jagħżlu l-medjatur liberament. Il-medjazzjoni tista' ssir minn medjatur wieħed jew iktar. Il-korpi ġudizzjarji u ta' arbitraġġ, u kull awtorità oħra vestita bil-funzjonijiet ġuriżdiżżjonali, jinfurmaw lill-partijiet bil-possibbiltà u bil-vantaġġi tal-użu tal-proċedura ta' medjazzjoni u jhegħuom jużaw dan il-mezz sabiex isolvu t-tilwim tagħhom.

Il-partijiet jistgħu jitolbu lin-nutar pubbliku jawtentika l-ftehim. Id-dokument imfassal min-nutar pubbliku, li jawtentika l-ftehim miksub fil-medjazzjoni, huwa eżekutorju.

Il-partijiet fil-ftehim ta' medjazzjoni jistgħu jidhru quddiem il-qorti sabiex jitolbu deċiżjoni li tappoġġa l-ftehim tagħhom. L-awtorità kompetenti hija jew il-qorti distrettwali b'ġuriżdiżżjoni fejn kwalunkwe waħda mill-partijiet ikollha d-domiċilju/il-post ta' residenza/l-uffiċċju rreġistrat tagħha jew il-qorti distrettwali b'ġuriżdiżżjoni fejn ġie konkluż il-ftehim tal-medjazzjoni. Id-deċiżjoni li biha l-qorti tappoġġa il-ftehim tal-partijiet tingħata *in camera* u hija eżekutorja.

Dispożizzjonijiet speċjali dwar tilwim familjari. Il-medjazzjoni tista' tintuża biex ssolvi nuqqasijiet ta' qbil bejn il-miżżewġin fir-rigward tat-tkomplija taż-żwieġ, it-tqassim tal-beni matrimonjali, l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-ġenituri, it-twaqqif tad-domiċilju tat-tfal, il-kontribuzzjonijiet ta' manteniment tat-tfal mill-ġenituri, jew kwalunkwe nuqqas ta' qbil ieħor bejn il-miżżewġin rigward id-drittijiet li jistgħu jgawdu skont il-liġi. Ftehimiet ta' medjazzjoni konklużi bejn partijiet f'materji/tilwim li jnvolvu d-drittijiet tal-ġenituri, il-kontribuzzjonijiet ta' manteniment għat-tfal mill-ġenituri, jew it-twaqqif tad-domiċilju tat-tfal jieħdu s-sura ta' sentenzi kunsenswali.

Il-ftehim bejn il-miżżewġin għall-ħall taż-żwieġ u l-ftehim għal kwistjonijiet anċillari tad-divorzju jintbagħtu mill-partijiet lill-qorti kompetenti biex toħroġ deċiżjoni ta' divorzju.

Il-medjatur jiżgura li l-eżitu tal-medjazzjoni ma jmurx kontra l-aħjar interessi tal-minuri, iħeġġeġ lill-ġenituri jiffukaw l-ewwel u qabel kolloxx fuq il-bżonnijiet tat-tfal u jiżgura li t-teħid tar-responsabbiltà tal-ġenituri jew tas-separazzjoni jew divorzju *de facto* ma jkollhomx effett detrimentali fuq it-trobbija u l-iżvilupp tat-tfal.

Qabel ma jikkonkludi l-ftehim ta' medjazzjoni jew, meta applikabbli, matul il-proċedura, il-medjatur jwettaq id-diliġenza dovuta biex jara jekk kienx hemm relazzjoni abbużiva jew vjolenti bejn il-partijiet u jekk l-effetti ta' relazzjoni tali hux probabbli li jinfluwenzaw il-medjazzjoni, u jiddeċiedi jekk fiċ-ċirkostanzi tkunx xierqa soluzzjoni b'medjazzjoni. Jekk, waqt il-medjazzjoni, il-medjatur isir jaf b'fatti li jipperikolaw it-trobbija jew l-iżvilupp normali tat-tfal jew li jkun ta' detriment konsiderevoli għall-aħjar interessi tal-minuri, huwa jrid jirrapporta l-kwistjoni lill-awtorità kompetenti.

Il-Liġi Nru 217/2003 dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza domestika u l-ġlieda kontriha fiha dispożizzjonijiet dwar l-istituzzjonijiet li għandhom dmirijiet fir-rigward tal-prevenzjoni tal-vjolenza domestika u l-ġlieda kontriha (li huwa dmirhom li jiggwidaw lill-partijiet litiganti lejn il-medjazzjoni), l-istabbilimenti għall-prevenzjoni tal-vjolenza domestika u l-ġlieda kontriha (inklużi ċentri ta' appoġġ maħsuba għall-aggressuri, li jipprovdu konsulenza u servizzi ta' medjazzjoni familjari, bil-possibbiltà li kwistjonijiet ta' vjolenza domestika jiġu suġġetti għall-medjazzjoni fuq talba tal-partijiet), l-ordni ta' protezzjoni u l-finanzjament fil-qasam tal-prevenzjoni tal-vjolenza domestika u l-ġlieda kontriha.

Waqt il-proċedimenti ċivili, l-imħallef jirrakkomanda li l-partijiet isolvu t-tilwima b'mod amikevoli bil-medjazzjoni u, matul il-proċedimenti, jipprova jirrikonċilja l-partijiet, billi jipprovdlhom l-gwida meħtieġa.

F'tilwimiet li jistgħu jkun suġġetti għall-proċedura ta' medjazzjoni, l-imħallef jista' jsejjaħ lill-partijiet biex jattendu l-laqqha ta' informazzjoni dwar il-vantaġġi tal-użu ta' din il-proċedura. Meta jqis li jkun hemm bżonn, skont iċ-ċirkostanzi tal-kawża, l-imħallef jirrakkomanda lill-partijiet li jużaw il-medjazzjoni biex jiżguraw is-soluzzjoni amikevoli tat-tilwima fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti ġudizzjarji. Il-medjazzjoni mhix obligatorja għall-partijiet.

Jekk l-imħallef jirrakkomanda l-medjazzjoni, il-partijiet (jekk ma jkunux ippruvaw isolvu t-tilwima tagħhom bil-medjazzjoni qabel ma fetħu l-kawża) iridu jidhru quddiem il-medjatur sabiex ikunu infurmati bil-vantaġġi tal-medjazzjoni. Wara li jirċievu l-informazzjoni, il-partijiet jiddeċiedu jekk jaċċettawx li jsolvu t-tilwima tagħhom bil-medjazzjoni.

Jekk il-partijiet jirrikonċiljaw, l-imħallef jappoġġ il-ftehim tagħhom bis-sentenza tiegħu.

F'każ ta' divorzju, ir-rikors għal divorzju jista' jkun akkumpanjat minn ftehim milfuq mill-miżżewġin permezz tal-medjazzjoni dwar il-ħall taż-żwieġ u, meta applikabbli, dwar il-ftehim dwar kwistjonijiet anċillari tad-divorzju.

Il-Liġi Nru 272/2004 dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal jinkludu dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tat-tfal (id-drittijiet u l-libertajiet ċivili, ambjent u ndukrar familjari alternattivi, is-saħħa u l-benessri tat-tfal, l-edukazzjoni, u l-attivitajiet rikreattivi u kulturali), dispożizzjonijiet dwar protezzjoni speċjali għat-tfal li jkun temporanjament jew permanentement nieqsa mill-protezzjoni mill-ġenituri tagħhom (fostering, fostering ta' emerġenza, superviżjoni speċjalizzata u monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni speċjali), dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tat-tfal (refuġjati jew fil-każ ta' kunflitt armat, tfal li jkun wettqu reat kriminali imma li ma jtgħisux bħala responsabbli skont id-dritt kriminali, kontra l-abbuż, it-traskuraġni, jew l-isfruttament, inkluż l-isfruttament ekonomiku, kontra l-abbuż tad-droga u kull forma ta' vjolenza, tfal li l-ġenituri tagħhom qegħdin barra l-pajjiż fuq xogħol, u kontra l-ħtif jew kull forma ta' traffikar), dispożizzjonijiet dwar istituzzjonijiet u servizzi bi dmirijiet fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal fil-livell ċentrali u lokali, organizzazzjonijiet privati, u finanzjament għas-sistema ta' protezzjoni tat-tfal.

Is-servizz tal-kura soċjali pubbliku għandu l-obbligu li jieħu l-ażżjoni meħtieġa sabiex tkun żgurata l-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' riskju li jkun jistgħu jirriżultaw fi tfal li jiġu sseparati mill-ġenituri tagħhom u biex jiġu pprevenuti mġiba abbużiva minn ġenituri u l-vjolenza domestika. Kull każ ta' tfal li jiġu sseparati mill-ġenituri tagħhom u kull restrizzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-ġenituri jridu jkun ppreċeduti mill-forniment sistematiku ta' servizzi u benefiċċji stipulati fil-liġi, b'enfasi partikolari fuq l-infurmar xieraq tal-ġenituri u l-konsulenza għalihom, u terapija jew medjazzjoni pprovdata taħt skema ta' servizz.

■ L-aħħar aġġornament: 08/08/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.